# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Dicembru 2018**

**Kawza Numru : 42**
**Rikors Guramentat Numru : 114/2016/LSO**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

1. **Greentech Solutions Limited (C47802) u**
2. **Ronald u Mary mizzewgin Bonello (K.I. numri 779349 (M) u 415346 (M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) datat 12 ta’ Frar 2016 fejn bir-rispett Johanna Bartolo (K.I. numru 125969 (M)) ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta' attrici kkonfermat bil-gurament :

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmja f’zewg kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Micallef datati 23 ta' April 2010 (Iskrizzjoni Ipotekarja relattiva ghall-kuntratt imsemmi bin-numru 7771/2010 qed tigi hawn ezibita u markata bhala Dok. "A") u 1 ta' Awwissu 2012 (Dok. "B") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta` Greentech Solutions Limited;

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-intimata socjeta` Greentech Solutions Limited fis-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin elf, hames mija u sitta u hamsin ewro u erbghin centezmu (€425,556.40)) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan* u *Overdraft Accounts"* ta' Greentech Solutions Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C", Dok. "D" u Dok. "E1 sa E6") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-2 ta' Frar 2016 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi bit-termini u kundizzjonijiet msemmija f’zewg kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Micallef datati 23 ta' April 2010 (Iskrizzjoni Ipotekarja relattiva ghall-kuntratt imsemmi bin-numru 7771/2010 qed tigi hawn ezibita u markata bhala Dok. "A") u 1 ta' Awwissu 2012 (Dok. "B") u permezz ta' tliet skritturi privati datati 15 ta' April 2010 (Dok. "F"), 30 ta' Settembru 2012 (Dok. "G") u 27 ta' Awwissu 2012 (Dok "H"), il-konvenuti Ronald u Mary

mizzewgin Bonello iggarantew flimkien u *"in solidum"* ma' Greentech Solutions Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Greentech Solutions Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dokumenti "A", "B", "F", "G" u "H"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fi-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Illi l-attrici *nomine* taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 18 ta' Gunju 2014 li kopja taghhom qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. "I", u Dok. "J", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokumenti "A", "B", "F", "G" u "H") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f' obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u *"in solidum"* bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin elf, hames mija u sitta u hamsin ewro u erbghin centezmu (€425,556.40) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan* u *Overdraft Accounts"* ta' Greentech Solutions Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C", Dok. "D" u Dok. "E1 sa E6") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 ta' Frar 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta' flus dovuti mill-konvenuti Ronald u Mary mizzewgin Bonello lis-socjeta` attrici li ghalihom is-socjeta` attrici qed tipprocedi f' gudizzju separat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 18 ta' Gunju 2014 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigu pprezentati

kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta' April 2016.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta, kif ukoll tal-konvenuti Ronald u Mary mizzewgin Bonello datata 4 ta' Mejju 2016 (fol 78) fejn bir-rispett Ronald Bonello, detentur tal-karta ta' identita` 779349[M] bil-gurament tieghu kkonferma:

1. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sottostanti, l-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti huwa esagerat u ghalhekk, l-ewwel nett, ghandhom isiru verifiki tal-bilanci mitluba;

2. Illi fis-sena 2012 is-socjeta` eccipjenti resqet ghall-kuntratt ta' self [Jeremie Loan] mas-socjeta` attrici biex tissellef is-somma ta' tliet mitt elf ewro [€300,000] liema somma inghatat ghax-xiri ta' makkinarju biex is-socjeta' eccipjenti tkabbar il-produzzjoni, gja tajba u 24/7 u tlahhaq mad-domanda gdida ta' hidma u ordnijiet gja pattwiti, l-Bank attur arbitrarjament iddecieda li jghaddi biss terz tas-somma. Dan l-agir arbitrarju tas-socjeta` attrici u azzjonijiet da parti tal-Bank sussegwenti gabu lis-socjeta` Greentech Solutions Limited fis-sitwazzjoni gharkopteja u finanzjarja prekarja;

3. Illi d-decizjonijiet u l-agir unilaterali tar-rikorrenti Bank kienu ta' pregudizzju;

4. Illi l-agir tal-Bank gharraq is-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk l-eccipjenti Ronald u Mary Bonello ghandhom jigu mehlusa mill-garanziji moghtija minnhom.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-garanziji moghtija minn Ronald u Mary Bonello huma anqas mill-ammont pretiz;

Rat il-verbali tas-seduti kollha inkluz dak tal-Hamis 6 ta’ Dicembru fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Siegfried Borg Cole ghan-nom tal-intimat u pprezenta u qara nota ta' ammissjoni. Dehret Dr Lara Cassar ghall-Bank attur. Il-kawza giet differita ghas-sentenza 11 ta' Dicembru 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta’ din il-kawza, l-Bank kreditur pproceda ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tieghu u ghall-eventwali kundanna hlas tal-istess kontra l-konvenuti flimkien u *"in solidum"* bejniethom tas-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin elf, hames mija u sitta u hamsin ewro u erbghin centezmu (€425,556.40) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan* u

*Overdraft Accounts"* ta' Greentech Solutions Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C", Dok. "D" u Dok. "E1 sa E6") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 ta' Frar 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Illi l-intimati eccipew li l-ammont pretiz huwa esagerat oltre eccezzjonijiet ohra. Madanakollu fis-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti tas-6 ta' Dicembru 2018, deher id-difensur tal-intimati u ammetta t-talbiet.

Jirrizulta inoltre mix-xhieda ta' **George Cassar White**[1], Kap tad-Debt Management Department tal-Bank of Valletta, li ma sar l-ebda caqlieq fil-kontijiet tal-intimati billi ma thallsu l-ebda depoziti fil-mori ta' dawn il-proceduri.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, fuq l-ammissjoni tal-intimati, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi tichad formalment l-eccezzjonijiet sollevati filwaqt li tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti u cioe`:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokumenti "A", "B", "F", "G" u "H") u billi sehhew l-avvenimenti kif dedotti fl-istess talba ; u

[1] Seduta tat-22 ta' Mejju 2018

2. Tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u *"in solidum"* bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin elf, hames mija u sitta u hamsin ewro u erbghin centezmu (€425,556.40) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan* u *Overdraft Accounts"* ta' Greentech Solutions Limited mal-Bank of Valletta p.I.c. (Dok. "C", Dok. "D" u Dok. "E1 sa E6") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 ta' Frar 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Dan kollu minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta' flus dovuti mill-konvenuti Ronald u Mary mizzewgin Bonello lis-socjeta` attrici li ghalihom is-socjeta` attrici qed tipprocedi f’ gudizzju separat.

L-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 18 ta' Gunju 2014 u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentati kontestwalment jigu sopportati mill-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**11 ta’ Dicembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**11 ta’ Dicembru 2018**